14 ta' Jannar, 1956.

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Anna Attard et *versus* Carmelo Attard

**Provi — Xhieda kontra l-Miktub — Simulazzjoni**

*Il-ġurisprudenza preponderanti f'materja ta' simulazzjoni hija fis-sens illi r-rimedju tas-simulazzjoni jista' jiġi esperit mhux biss minn terzi persuni, imma anki minn kull waħda mill-partijiet li ħadu parti fil-kuntratt pretiż simulat.*

*Huwa wkoll ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi r-regola "con-*

*tra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" mhux applikabbli; meta l-att miktub jiġi mpunjat b'simulazzjoni. Għaldaqstant, jekk jirriżulta li l-kuntratt impunjat qiegħed jiġi attakkat minħabba simulazzjoni, min jattakkah għandu jkollu l-opportunità li jagħmel anki provi testimonjali biex juri x'kienet ir-realtà stipulata fil-kuntratt impunjat.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-12 ta' Awissu, 1943, hawn eżibit markat Dok. A, l-attriċi, rappreżentata mill-mandatarju tagħha Giuseppe Cauchi, biegħet lil-konvenut it-terran *iż-Żejtun, Triq Bondoljer,* numru 21, għall-prezz ta' £200, li minnhom £122.5.0 tpaċew ma' somma ugwali kostitwita b'att ieħor ta' l-istess Nutar tat-18 ta' Mejju, 1943, hawn eżibit markat Dok. B; u peress illi fil-kuntratt l-ewwel imsemmi ġie dikjarat li l-bilanċ ta' £77.15.0 kien tħallas lill-venditriċi mill-konvenut; u peress li, non ostanti din id-dikjarazzjoni, il-konvenut fil-fatt ma ħallasx qatt din is-somma hekk dovuta lill-attriċi; talbet li l-konvenut, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni tas-simulazzjoni *ta' dak dikjarat fl-ewwel att fuq imsemmi,* publikat min-Nutar Joseph Gatt fit-12 ta' Awissu, 1943, ikun kundannat li jħallas lill-attriċi s-somma fuq indikata ta' £77.15.0 lilha dovuti għar-raġunijiet premessi, bl-imgħaxijiet legali fuq l-istess ammont mid-data ta' l-att, 12 ta' Awissu, 1943, sal-ġurnata ta' l-effettiv pagament. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Novembru, 1951;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;*

Illi l-konvenut qiegħed jopponi ruħu għall-provi testimonjali għal żewġ raġunijiet, (1) għaliex simulazzjoni ma hemmx u l-partijiet kitbu fl-att dak li tassew riedu, u (2) għaliex il-prova testimonjali f'materja ta' simulazzjoni hija ammessa biss favur it-terzi li ma ħadux parti fl-att impunjat:

Illi l-ewwel motiv jirrigwarda l-meritu, u jkun jista' jiġi aċċertat jekk l-att jirrappreżentax il-vera volontà tal-

*partijiet* u r-realtà vera ta' dak li huma riedu, wara li jinstemgħu l-provi fil-meritu;

*Illi* kwantu għat-tieni motiv, il-ġurisprudenza preponderanti hija fis-sens illi r-rimedju tas-simulazzjoni jista' jiġi esperit mhux biss *minn* terzi persuni, imma anki minn kull waħda mill-partijiet fil-kuntratt (Kollez. XXIX-I-837);

Illi mbagħad, kwantu għall-prinċipju "contra scriptum testimonium non scriptum non fertur", huwa ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna *illi din ir-regola* mhix applikabbli fil-każ li l-att miktub jiġi mpunjat b'simulazzjoni (Kollez. XXVI-I-149; u App. Ċiv. 6 ta' Ġunju 1955, *in re "Mary Gatt vs. Onor. Edgar Cuschieri ne."*);

Illi, għalhekk, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk l-attriċi hijiex qiegħda *f'din* il-kawża tattakka l-kuntratt tal-bejgħ stipulat mal-konvenut minħabba simulazzjoni jew għal xi motiv ieħor. *Fiċ-ċitazzjoni hija* ppremettiet illi fil-kuntratt kien ġie dikjarat li l-bilanċ tal-prezz, ammontanti għal £77.15.0, kien tħallas lilha *mill-konvenut*, mentri fil-fatt ma kienx tħallas, u għalhekk talbet li dik id-dikjarazzjoni tkun dikjarata simulata. It-termini ta' dina t-talba huma ċari biżżejjed, u kwindi l-attriċi għandha d-dover li tissostanzja l-pretensjoni tagħha — ħaġa li, skond il-ġurisprudenza, hija *tista' tagħmel anki permezz ta' provi testimonjali;*

Illi, almenu skond kif allegat mill-attriċi, tirrikorri *(salva dejjem il-prova)* is-simulazzjoni fil-konċett ġuridiku tagħha. Difatti, huwa simulat l-att meta bil-volontà tal-partijiet *ikollu sinifikat* apparenti divers minn dak li realment għandu (Kollez. XXXII-I-138, ċitata mill-istess konvenut). *F'dan* is-sens hija wkoll id-dottrina (ara Butera, Simulazione nei Negozi Giuridici, para. 1);

Illi, fid-dawl ta' dan *il-prinċipju, il-pretensjoni* ta' l-attriċi taqa' fil-konċett ġuridiku ta' simulazzjoni, u għalhekk hija għandha jkollha l-opportunità *li turi, anki bil-provi testimonjali*, x'*kienet ir-realtà stipulata fil-kuntratt;*

Għal dawn il-motivi;

*Tiċħad il-preġudizzjali* opposta mill-konvenut, u tiddikjara ammissibbli l-provi testimonjali f'dina l-kawża;

L-ispejjeż *jitħallsu* mill-konvenut;

Il-kawża tibqa' differita għad-9 ta' Marzu 1956, biex tkun trattata fil-meritu.